**A.L. 301 ta' l-2006**

## ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
## (KAP. 327)

### Ir-Regolamenti ta' l-2006 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-Kors għall-Postgraduate Certificate in Education - P.G.C.E.

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30 (5) u 31 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att:

**Titolu**

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu bħala r-Regolamenti ta' l-2006 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-Kors għall-Postgraduate Certificate in Education - P.G.C.E. - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti tas-sena 200l tal-Kors għall-Postgraduate Certificate in Education - P.G.C.E. - ippubblikati bħala Avviż Legali 279 ta' l-2001, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "ir-regolamenti prinċipali".

**Applikabilita'**

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2006 jew wara.

**Emenda għar-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali**

3. Minflok is-sotto-paragrafu (a) tal-paragrafu (5) tar-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(a) għall-**Business Education:** minimu ta' 15-il kredtu fil-livell ta' l-ewwel grad f'kull waħda minn żewġ oqsma ta' studju li ġejjin: Accountancy, l-Ekonomija, Banking and Finance, u Management;"